Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,517, 10 ta' Novembru, 2020
Taqsima B

A.L. 428 tal-2020

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Federazzjoni Russa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Federazzjoni Russa) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Federazzjoni Russa), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 123.146.

Arranġamenti li jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

(a) illi l-emendi għall-ordni prinċipali, kif speċifikati fil-Protokoll muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"), saru mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-emendi għandu jkollhom effett wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll u skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Protokoll;

(ċ) illi l-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li tkun imħabbra b'avviż fil-Gazzetta.

SKEDA
(Artikolu 2)

PROTOKOLL

LI JEMENDA L-KONVENZJONI BEJN IL-GVERN TA` MALTA U IL-GVERN TAL-FEDERAZZJONI RUSSA GĦALL-EVITAR TA` TAXXA DOPPJA U L-PREVENZJONI TA` EVAŻJONI FISKALI DWAR TAXXI FUQ L-INCOME TAL-24 TA` APRIL 2013

Il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa,

billi jixtiequ jikkonkludu Protokoll li jemenda il-Konvenzjoni bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa għall-ħelsien minn taxxa doppja u biex tiġi evitata evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-income, iffirmat f'Moska fil-24 ta' April 2013 (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Konvenzjoni"),

ftiehmu kif ġej:

ARTIKOLU I

1. Il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 10 "Dividendi" tal-Konvenzjoni għandhom jiġu emendati kif ġej:

"2. Madankollu, dawk id-dividendi jistgħu jiġu ntaxxati ukoll fl-Istat Kontraenti li tiegħu l-kumpannija li qed tħallas id-dividendi tkun residenti u skont il-liġijiet ta` dak l-Istat Kontraenti, iżda jekk is-sid benefiċjarju ta` dawk id-dividendi jkun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor, it-taxxa li għandha hekk titħallas m'għandhiex teċċedi ħmistax fil-mija (15%) tal-ammont gross tad-dividendi.

3. Minkejja id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta` Stat Kontraenti jistgħu jiġu ntaxxati wkoll f'dak l-Istat Kontraenti skont il-liġijiet ta` dak l-Istat Kontraenti, iżda:

i. jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi huwa residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor u s-sid benefiċjarju hu impriża tal-assigurazzjoni jew fond ta` pensjoni; jew

ii. jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi jkun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor u s-sid benefiċjarju huwa kumpannija li l-ishma tagħha huma elenkati fuq borża reġistrata bil-kondizzjoni li mhux inqas minn ħmistax fil-mija (15%) tal-ishma tal-vot ta' dik il-

kumpannija jkunu free float u li żżomm direttament mill-inqas ħmistax fil-mija (15%) tal-kapital tal-kumpannija li tħallas id-dividendi tul perjodu ta' tlett mija u ħamsa u sittin (365) jum li jinkludi l-jum tal-ħlas tad-dividendi; jew

iii. jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi jkun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor u s-sid benefiċjarju huwa l-Gvern ta' dak l-Istat Kontraenti jew suddiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu; jew

iv. jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi jkun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor u s-sid benefiċjarju jkun il-Bank Ċentrali ta' dak l-Istat Kontraenti,

it-taxxa li għandha hekk titħallas m'għandhiex teċċedi ħamsa fil-mija (5%).".

2. Ir-referenza fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 10 "Dividendi" tal-Konvenzjoni għall-"paragrafi 1 u 2" għandha tiġi sostitwita b'referenza għall-"paragrafi 1, 2 u 3.".

ARTIKOLU II

1. Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 "Imgħax" tal-Konvenzjoni għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu li ġej:

"2. Madankollu, tali mgħax jista jiġi intaxxat ukoll fl-Istat Kontraenti li fih jinqala' u skont il-liġijiet ta' dak l-Istat Kontraenti, imma jekk is-sid benefiċjarju tal-imgħax ikun residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor, it-taxxa hekk mitluba m'għandhiex teċċedi ħmistax fil-mija (15%) tal-ammont gross tal-imgħax.".

2. Paragrafu 3 ġdid għandu jiġi miżjud mal-Artikolu 11 "Imgħax" tal-Konvenzjoni li għandu jinqara kif ġej:

"3. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, imgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u li jitħallas lil resident tal-Istat Kontraenti l-ieħor, li huwa s-sid benefiċjarju tal-imgħax, jista' jkun intaxxat ukoll fl-Istat Kontraenti li fih jinqala' u skont il-liġijiet ta' dak l-Istat Kontraenti, imma jekk:

A) is-sid benefiċjarju huwa:

i. impriża tal-assigurazzjoni jew fond ta' pensjoni; jew

ii. il-Gvern ta' dak l-Istat Kontraenti jew

sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu; jew

iii. il-Bank Ċentrali ta' dak l-Istat Kontraenti; jew

iv. bank; jew

v. kumpannija li l-ishma tagħha huma elenkati fuq borża reġistrata bil-kondizzjoni li mhux inqas minn ħmistax fil-mija (15%) tal-ishma tal-vot ta' dik il-kumpannija jkunu free float u li żżomm direttament mill-inqas ħmistax fil-mija (15%) tal-kapital tal-kumpannija li tħallas l-imgħax tul perjodu ta' tlett mija u ħamsa u sittin (365) jum li jinkludi l-jum tal-ħlas tal-imgħax; jew

B) l-imgħax huwa mħallas fir-rigward tat-titoli li ġejjin elenkati f'borża reġistrata:

i. bonds tal-Gvern;

ii. bonds korporattivi;

iii. Euro-bonds,

it-taxxa li għandha hekk titħallas m'għandhiex teċċedi ħamsa fil-mija (5%).".

3. Il-paragrafi eżistenti 3, 4, 5, 6, 7 u 8 tal-Artikolu 11 "Imgħax" tal-Konvenzjoni għandhom jiġu rinumerati mill-ġdid bħala paragrafi 4, 5, 6, 7, 8 u 9.

4. Ir-referenza fil-paragrafu 8, kif rinumerat mill-ġdid, tal-Artikolu 11 "Imgħax" tal-Konvenzjoni għall-"paragrafu 2" għandha tiġi sostitwita b'referenza għall-"paragrafi 2 u 3".

ARTIKOLU III

Fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 23 "Ebda Diskriminazzjoni" tal-Konvenzjoni il-kliem "paragrafu 4 tal-Artikolu 11" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "paragrafu 5 tal-Artikolu 11".

ARTIKOLU IV

Paragrafu 2 tal-Artikolu 25 "Skambju ta' Informazzjoni" tal-Konvenzjoni għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

"2. Kull informazzjoni li tiġi riċevuta taħt il-paragrafu 1 minn Stat Kontraenti għandha tiġi ttrattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħal informazzjoni li tinkiseb taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat Kontraenti u għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) li jkollhom x'jaqsmu mal-istima jew il-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, id-deċiżjoni ta' appelli dwar it-taxxi msemmija fil-paragrafu 1, jew it-tħaris ta' dak hawn qabel imsemmi. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuħ jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji. Minkejja dan li hawn qabel, informazzjoni riċevuta minn Stat Kontraenti tista' tintuża għal skopijiet oħra meta din l-informazzjoni tista' tintuża għal dawk l-istess skopijiet oħra skont il-liġijiet taż-żewġ Stati Kontraenti u l-awtorità kompetenti tal-Istat Kontraenti fornitur tawtorizza dan l-użu.".

ARTIKOLU V

Emendi għall-Konvenzjoni previsti f'dan il-Protokoll, għandhom jifformaw parti integrali mill-Konvenzjoni. Dan il-Protokoll għandu japplika b'mod proviżorju minn 1 ta` Jannar 2021 u għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika tal-Istati Kontraenti bil-miktub, permezz ta' kanali diplomatiċi, li jkunu tlestew il-proċeduri meħtieġa mill-liġi domestika sabiex jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll.

MAGĦMUL f'Moska fil-1 ta' Ottubru 2020 f'duplikat, fl-ilsien Russu u Ingliż, iż-żewġ testi huma awtentiċi indaqs.

Għall-Gvern tar-Repubblika ta' Malta Pierre Clive Agius	Għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa Alexey Valerievich Sazanov
Ambaxxatur għall-Federazzjoni Russa	Segretarju tal-Istat u Deputat Ministru tal-Finanzi tar-Russa